# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**John Farrugia**

Illum, 09 ta' April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra John Farrugia (K.I. 61265 M) bin Alphonse Farrugia u Carmen nee' Pace imwieled fil-24/12/1964 u joqghod Tas-Sellum Res., Block 9, Flat 942, Dawret it-Tunnara, Mellieha akkuzat talli fl-10 ta' Lulju 2017 ghall-habta ta' 10:15 hrs gewwa l-lokalita' tal-Hamrun soqt vettura IBW 908.

1. B' manjiera traskurata.
2. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b' manjera perikoluza;
3. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b' manjera bla kont.
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku,

nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Silvia Borg skond kif iccertifika Dr Jonathan Joslin M.D. u Dr. David Grima M.D. mill-M.D.H.

5. U aktar talli sirt recediv b' sentenza moghtija mill-Mgt. Dr Ian Farrugia datata 4 ta' Dicembru 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-prosekuzzjoni talbet l-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan.
Il-Qorti giet mitkuba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabilita mill-ligi tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jekk ikun il-kaz kif stabilit fl-Art 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda ta' PS Raphael Attard Flores fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020; ta' PS 586 Mario Azzopardi fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020; tal-Perit Richard Aquilina fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020; ta' Dr Martin Bajada fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020; ta' Doris Serpina Sciberras fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020 u 4 ta' April, 2022; ta' PS 991 Alexander Gauci fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020; ta' l-Spettur Robert Vella fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020; Dr Jonathon Joslin fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020; L-affidavit ta' Stephen Cachia rapprezentant ta' Transport Malta ezebit fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020; ta' Sylvia Borg fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2023; ta' Francis Paul Borg fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2023;

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2023 il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi u l-imputat iddikjara li mhux ser jixhed.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020 l-Qorti ikkonfermat n-nomina tal-esperti kollha nominati fl-inkjesta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti in atti;

Rat l-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 226(1), 49, 50, 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunisdrat

Provi tal-prosekuzzjoni

**Affidavit ta' Stephen Cachia**, rapprezentant ta' Transport Malta ezebit fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020. Jiddikjara li mir-records tal-Awtorita' l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBW 908 tal-marka Hyundai Fork-Lifter ta' kulur isfar, hija registrata fuq Joseph Bajada (K.I. 477556 M) ghan-nom ta' Alfons Enterprises Ltd. Din il-vettura ilha hekk registrata minn nhar it-12 ta' Settembru, 2016.

**Affidavit tat-Tabib Daniel Grima** ipprezentat fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020. It-tabib jikkonferma li ezamina lil Sylvia Borg nhar 10 ta' Lulju, 2017. Jikkonferma li l-pazjenta kienet qed issofri minn griehi ta' natura 'grevious' salv kumplikazzjoni u li kienet fil-perikolu li titlef hajjietha (in danger of loss of life).

**Doris Serpina Sciberras**, deputat registratur, tixhed fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2022 u fis-seduta tal-4 ta' April, 2022. Tezebixxi Procès-Verbal fil-kawza Pulizija vs John Farrugia rigward accident stradali fl-10 ta' Lulju, 2017 redatt mill-Magistrat Onor. Dr Josette Demicoli.

**PS 953 Raphael Attard Flores** xehed fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020 b' referenza ghar-rapport tal-pulizija ezebit mill-PS 991 mmakrat Dok AG. Ix-xhud jixhed li huwa kien ghamel update tar-rapport u kien mar l-isptar Mater Dei u gabar c-certifikat mediku mahrug mit-Tabib Dr David Grima rigward Sylvia Borg. Fic-certifikat kien iccertifikat li s-Sinjura Borg kienet in danger of loss of life. Aktar tard kif kien id-dipartiment tal-emergenza kellmu lil Dr Christabelle Mizzi (MC no. 3840) li infurmathom li s-Sinjura Borg wara l-operazzjoni ma kienitx aktar fil-perikolu lu titlef hajjietha izda kienet f' kundizzjoni kritika xorta.

**PS 586 Mario Azzopardi,** scene of crime photographer**,** xehed fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020. Jikkonferma r-rapport ipprezentat fl-atti tal-inkjesta (a fol.32 - 45)

**Perit Richard Aquilina** xehed fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020. Jikkonferma r-rapport tieghu (a fol. 10 et seq) fl-atti tal-inkjesta.

**Dr Martin Bajada** xehed fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020. Jaghraf u jikkonferma ir-rapport tieghu ezebit a fol. 64 et seq tal-atti tal-inkjesta li jirrigwarda rapport dwar il-gbir ta' CCTV footages u stills.

**PS 991 Alexander Gauci**, xehed fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020. Jixhed li nhar l-10 ta' Lulju, 2017 ghall-habta tal-10:30 kienu gew infurmati li sar incident fi Triq Manuel Magri, ezattament quddiem il-hanut bl-isem Alfons Enterprises, fejn kienet wegghat persuna waqt li kienet quddiem il-hanut. Marru fuq il-post u sabu persuna femminili mal-art u kien hemm fork lifter bin-numru ta' registrazzjoni IBW – 908. Dak il-hin kien hemm ambulanza fuq il-post u l-vittma kienet qed tigi kkurata minn nurse. Fuq il-post kien hemm ix-xuffier tal-lifter, John Farrugia, li qed jaghraf fl-awla.
Jixhed li x-xuffier kien jinstab ippanikjat u kien taht xokk u kellu jittiehed il-Poliklinika. Ippreservaw ix-xena peress li n-ners kienet qaltlu li setghet kien hemm certu kumplikazzjonijiet ghall-vittma. Ghal habta tan-nofs siegha kienu gew infurmati li l-vittma, Sylvia Borg, kienet tinstab fil-perikolu tal-mewt u gie infurmat l-Ispettur Robert Vella li kien informa lil Magistrat tal-Ghassa. Minn naha tieghu x-xhud kien hejja r-rapport bin-numru 7/P 3124/2017 li gie ezebit (Dok. AG).

Lil Sylvia Borg, il-parte lesa, kien kellimha gewwa l-Yellow Ward, Burns Unit, fit-13 ta' Lulju. Kienet stqarret li tiftakar li kif harget minn gewwa l-hanut Alfons Enterprises u hekk kif harget biex taqsam it-triq l-ewwel li harset fuq in-naha tax-xellug u hekk kif harset fuq in-naha tal-lemin, tiftakar li rat l-imsemmi fork lifter wieqaf bit-tghobijja tax-xoghol li kien qed igorr ta' kulur abjad. F' daqqa wahda tara l-fork lifter idur u gej ghal fuqha u minn dak il-hin ma baqghet tiftakar xejn.

**Spettur Robert Vella** xehed fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020. Dak in-nhar tal-incident kien l-Ispettur tal-Ghassa. Kien informa lil Magistrat tal-Ghassa, Dr Josette Demicoli li kienet ordnat inkjesta magisterjali. Dakinhar wara li informa lil Magistrata kien informa lil esperti li kienu Dr Mario Scerri, l-Perit Richard Aquilina u Dr Martin Bajada u kien hejja r-rapport tieghu li qed jaghraf a fol. 6 u 7 fl-atti tal-process tal-inkjesta.

**Dr Jonathan Joslin**, konsulent fid-Dipartiment tal-Emergenza, Sptar Mater Dei, xehed fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2020. Dak innhar, 10 ta' Lulju, 2017, kien fir-resuscitation room tad-Dipartiment tal-Emergenza. Dahlet Sylvia Borg (K.I. 119262 M) ta' 55 sena li allegatament kienet involuta f' road traffic accident u kienet intlaqtet minn fork lifter. Jixhed li l-injuries li kellha huma fuq il-left lower leg kollha kemm hi. Kellha dik li tissejjah de-gloving injury li l-gilda tqacctet minn naha ta' quddiem ta' kuxxtejha all the way down tas-shin isfel. Kellha ukoll trawma fil-muskolu tal-quadriceps tal-muskolu ta' kuxxjteha.

Fejn tqacctet il-gilda kien hemm il-vini u l-arterji z-zghar u kienet qed tibblidja minn hemmhekk.
Kellha ukoll head injury, daqqa f' rasha, sat CT Scan dak il-hin stess u kien hemm ksur fuq in-naha ta' wara ta' l-iskukutella, l-left occipal bone u kellha d-demm migbur fil-front tempory region.
Wara li rawha n-nuerosurgeons ta' dak innhar iddecidew li kienet kundizzjoni bizejjed biex tidhol ghall-operazzjoni b' urgenza minhabba sieqha, minhabba l-extent tac-citrita li kellha tal-gilda kollha ta' de-gloving u fil-fatt ghamlulha exploration u repair. Il-plastic surgeon kien Mr Frans Darmanin u dalulha l-ITU.
Fit-22 ta' Lulju 2017 kellhom jerghu jdahluha for debridiment minhabba li l-parti mill-gilda li regghu hietu kien ikkankrala. Saret operazzjoni ohra fid-29 ta' Lulju, fejn ipprovaw jaghmlu artificial skin grafting, din ma haditx u fil-fatt saret infettata u kellha tidhol ghal operazzjoni ohra fil-7 ta' Awwissu.
Fil-19 ta' Awwissu regghu dahluha ghal operazzjoni ohra u ghamlu dik li tissejjah split skin graft SSG u din dehret li hadet. Ma kienitx infettata u kienet discharged fit-28 ta' Awwissu, igifieri xahar u nofs wara with good healing.
Minn dak innhar ma rahiex aktar. <u>L-injuries huma grevious minhabba l-ksur li kellha. Kienu grevious per durata.</u>
Ix-xhud ezebixxa d-discharge letter dettaljata (Dok JJ)

**Sylvia Borg**, il-*parte lesa* xehedet fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2023. Dak in-nhar tal-incident ir-ragel taghha kien wassalha biex tixtri gewwa l-Hamrun gewwa hanut li hu maghruf bhala Fonzu li jbiegh affarijiet tal-ikel. L-incident sehh meta harget mill-hanut. Tixhed hekk

> Avu: Issa kif hrigt kellek xix haga f`idek?

> Xhud: U xi bajd affarijiet zaghar ma tantx kelli hafna umbaghad kif hrigt bdejt infittex il-karozza tar-ragel ha nara fejn qed jistennieni u kienet faccata naqra l-isfel umbaghad jiena inzilt il-bankina u bdejt miexja bejn zewg karozzi kif wasalt fit-tarf ikun hemm balla fliexken imgezwrin u il-forklifter kien, kien wieqaf.

Ix-xhud giet murija r-ritratti li qedhin a fol 35 et seq tal-Procès-Verbal u taghraf il-forklifter ta' lewn isfar.  Fir-ritratt a fol. 36 qed tara l-karozzi ipparkjati. Il-forklifter kellu l-fliexken mghobbijin. Tkompli tispjega

"Avu: U allura dal-forklifter u b`dawn l-affarijiet ta fuqu mieghek x`ghandu x`jasqam x`gara?

Xhud: Kont ha naqsam u tajjarni.

Qorti: Kont qed taqsam minn quddiemhom sinjura biex taqsam?

Xhud: Jiena rajtu imma kien wieqaf.

Qorti: Inti kellek taghddi min quddiem dal-forklifter u dawn l-afafrijiet imgezwrin biex taqsam?

Xhud: Minn hemm ghaddejt ghaddejt minn bejn zewg karozzi u rajt il-forklifter wieqaf.

Qorti: U min laqqtek min kien qed isuq?

Xhud: Ma rajtux ma kienx jidher.

Qorti: Inti l-forklifter laqqtek?

Xhud: Il-forklifter tajjarni.

Avu: Issa inti taf min kien qed isuqu il-forklifter?

Xhud: Le ma rajtux ma kienx jidher ghax kien moghbbi."

. . . omissis . ..

Xhud: Kif qsamt insib ruhhi fl-art f`nofs tat-triq f`daqqa wahda hassejtni ninqatgha mill-art u ippressata hawn mal-plastic siddri umbagahd sibt ruhhi fl-art saqajja miftuha sa koxxti miftuha imcarrta kolha umbagahd haduni l-ispatr gha,ilt 7 gimghat l-isptar 4 operations u xahrejn id-dar naghmel ilPhysio Therapy biex nerga nimxi."

**Francis Paul Borg**, ir-ragel tal-parte lesa, xehed fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2023. Dak in-nhar tal-incident wassal lil mara ghand Alfons Ltd, waqaf quddiem il-bieb u nizlet u hu mar jipparkja ftit aktar l-isfel quddiem garaxx. Hu qaghad fil-karozza u ftit wara jisma' ghajta kbira, gharaf lehen il-mara u raha lil imputat jinzel mill-fork-lifter jigri u dahal fil-hanut. Ftit qabel il-fork-lifter kien ghadda minn hdejh. Il-forklifter kellu pallet mimli fliexken. Jaghraf il-forklifter fir-ritratti a fol. 38 tal-Procès-Verbal. Fir-ritratti jihder il-forklifter fejn rah hu wara l-incident. Jikkonferma li fejn hemm ir-roqgha demm fir-ritratt a fol. 44 tal-Procès-Verbal huwa fejn kien hemm il-mara.

**Il-Procès-Verbal**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-konkluzjoni tal-Perit Richard Aquilina li fil-konkluzjonijiet tieghu jikkonstata li

"L-esponent jirrileva li t-tghabbija li kien qed jerfa' l-Fork Lifter kienet konsiderevoli. Din kienet gholja 1.65 m mill-art bil-pallet mistrieha. Bil-pallet maqtugha xi 20 cm, l-gholi tat-tghabija kien 1.85 m, li huwa ghola mit-tul ta' persuna ta' statura normali. Filfatt John Farrugia qal li hu kien qed isuq il-Fork Lifter u jhares mill-gnub, u dan qaltlu ukoll Sylvia Borg.

John Farrugia ma kellu lil hadd jaralu quddiemu u ghalhekk waqt li hu hares min naha, jihder li Sylvia Borg marret quddiemu bla ma hu setgha jaraha.

Peress li l-Fork Lifter, kien qieghed operat go triq pubblika, fl-opinjoni tal-esponent, biex jigi trasportat vjagg tant gholi, kien jehtieg li jkun hemm persuna tara li quddiem il-Fork Lifter ma kien qed jghaddu xi nies."

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Qorti taghmel referenza ukoll ghar-ritratti ezebiti u li gew mahlufa mis-scene of crime officer.

Skont kif jirrizulta mir-rapport tal-espert Dr Martin Bajjada, ma hemm ebda' footage mill-CCTV camera tal-incident.

Ikkunsidrat

Mill-provi jirrizulta li d-dinamika tal-incident sehh meta l-parte lesa, Silvia Borg, harget mill-istabiliment Alfons Enterprises Limited gewwa l-Hamrun minn bejn zewgt karozzi u giet investita mill-fork-lifter bin-numru tar-registrazzjoni IBW 908 misjuq mill-imputat li kien mghobbi bil-merkanzija.

Ikkunsidrat

Dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni.

Fl-ewwel imputazzjoni l-imputat gie akkuzat li saq il-vettura B' manjiera traskurata. Fit-tieni imputazzjoni li saq l-imsemmija b' manjera perikoluza u t-tielet imputazzjoni li saq l-imsemmija vettura b' manjera bla kont.

Fil-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Melvin Montesin"[1], I ghamlet is-segwenti referenzi fuq il-materja

[1] Appell Kriminali (Sede Inferjuri) Appell Nru: 152/2023 deciza fil-27 ta' Ottubru 2023,

"Fir-rigward tar-reat tas-sewqan perikoluż kif ravviżat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex ikun stabbilit jekk tissussistix din il-vjolazzjoni tal-liġi jenħtieġ li jittieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-rigel. Illi, naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar mill-forom ta' sewqan vjolattivi tad-dritt, f'liema każ, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja marbuta mal-konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. In oltre, ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz[2].

Illi, ukoll, fl-istess sentenza "Il-Pulizija vs Alfred Mifsud", iċċitata mill-Ewwel Qorti, ġie jjjdefinit bl-aktar mod sempliċi u ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement magħruf bl-Ingliz bħala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta għall-kwalsiasi forma ta' sewqan 'li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll għal sewqan traskurat'. L-Imħallef Flores fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs John Mamo"[3], ukoll jagħti definizzjoni ta' sewqan traskurat:–

**"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissuggerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."**

Illi, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Tanya Sacco"[4]5, il-Qorti qalet li anke jekk persuna għandha d-dritta xorta waħda għandha zzomm a proper look out għal kull inċident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat. In oltre, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Renald Vella"[5] ingħad li **"Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."**

Ikkunsidrat,

---

[2] Vide Il-Pulziija vs Charlotte Chamberlain, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Mejju 1950
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1971
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Novembru 1986
[5] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Mejju 2014

Fil-kaz in ezami, l-incident sehh quddiem stabiliment miftuh ghall-pubbliku, waqt il-hinijiet tal-ftuh. Il-parte lesa kienet hierga minn dan l-istabiliment wara li ghamlet ix-xirja taghha. Mix-xhieda hareg li l-parte lesa qasmet minn bejn zewgt vetturi pero' mir-ritratti ezebiti fl-atti tal-Procès-Verbal jihder li kellha vizwali.

Fil-lok u hin tal-incident l-imputat naqas milli jzomm a proper lookout.

Fir-rapport tal-perit tekniku Richard Aquilina gie kkonstatat minnu li "L-esponent jirrileva li t-tghabbija li kien qed jerfa' l-Fork Lifter kienet konsiderevoli. Din kienet gholja 1.65 m mill-art bil-pallet mistrieha. Bil-pallet maqtugha xi 20 cm, l-gholi tat-tghabija kien 1.85 m, li huwa ghola mit-tul ta' persuna ta' statura normali. Filfatt John Farrugia qal li hu kien qed isuq il-Fork Lifter u jhares mill-gnub, u dan qaltlu ukoll Sylvia Borg."

Gie ipprovat li l-imputat ma kellux vizwali ta' dak li kien qed jigri quddiemu meta ghabba l-fork-lifter bit-tghabija. Kienet responsabilta' tieghu li jiehu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jassigura li jkun qed jara t-triq quddiemu aktar u aktar tenut kont tal-fatt li kien qed isuq quddiem l-entratura tal-hanut.

Il-Qorti qed tikkunsidra li fil-waqt li l-ewwel imputazzjoni giet ipprovata., f' dak li jirrigwarda it-tieni u t-tielet imputazzjoni ma gewx ipprovati u ghalhekk ser tilleberah minnhom.

<u>Dwar ir-raba' imputazzjoni</u>.

L-imputat gie akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Silvia Borg.

Illi jirrizulta ipprovat li n-nuqqas tal-imputat li jkollu vizwali ta' dak li kien hemm quddiemu ikkaguna l-incident.

Illi jirrizulta ampjament ipprovat mill-provi medici li l-parte lesa soffriet offizi ta' natura gravi u li kienet ukoll fil-perikolu li titlef hajjietha. Dwar il-griehi sofferti mill-parte lesa, il-Qorti ghandha a dispozizzjoni taghha affidavit ta' Dr Daniel Grima u c-certifikati medici ezebiti. Il-konsulent Dr Johathan Joslin fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Dicembru 2020 xehed fit-tul u fid-dettal dwar il-griehi sofferti mill-parte lesa u t-trattamenti li kellha taghmel. It-tabib jikkonferma li l-griehi huma gravi per durata.

L-imputat qed jinstab hati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

<u>Dwar il-hames imputazzjoni.</u>

L-imputat huwa akkuzat li huwa recediv b' sentenza moghtija mill-Mgt. Dr Ian Farrugia datata 4 ta' Dicembru 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rigwardanti din l-imputazzjoni gie ezebit vera kopja tal-imsemmija sentenza li gietipprezentata fil-mori ta' dawn il-proceduti.

<u>Dwar l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti kif stabilit fl-Art 533</u> tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-atti jirrizulta li fl-atti tal-inkjesta magisterjali l-ispejjez tal-esperti huma s-segwenti:

- Rapport Perit Richard Aquilina € 434.71
- PS 586 Mario Azzopardi € 65.16
- Dr Mario Scerri € 322.40
- Dr Martin Bajada € 118.00

L-ispejjez tal-esperti li komplessivament jammontaw ghal € 940.27

**Decide**

Ghadaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli  artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 226(1), 49, 50, 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta   fil-waqt li ssib lil imputat **mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni** u tilliberah minn kull htija u piena dwar l-istess qed issib lil imputat **hati tal-ewwel, ir-raba’ u l-hames imputazzjoni** u  filwaqt li tittratta ma’ l-imputat qua recediv a tenur ta’ l-imsemmija Artikoli 49, 50  tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fic-cirkostanzi kollha tal-kas, tikkundanna lill-istess imputat ghall-multa ta tlett elef euro (3000) u sospensjoni tal- licenzji kollha tas-sewqan ghal – tletin gurnata (30).

Ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma disa’ mija u erbghin ewro u sebgha u ghoxin centezmu (€ 940.27) rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta’ l-esperti.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**